**342. Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, l-Onor Carmelo Abela jipproponi illi l-Kamra tad-Deputati tapprova din ir-Riżoluzzzjoni:**

Billi hija l-politika tal-Gvern li jippromwovi u jsaħħaħ id-drittijiet u l-benefiċċji tal-Korpi dixxiplinati, u jtenni li membri tal-Korpi dixxiplinati għandhom jibbenifikaw mill-istess benefiċċji u drittijiet, qiegħed jipproponi li jiġu emendati regolamenti tlieta, ħmistax u sittax tar-Regolament dwar Pensjonijiet għal min jaħdem il-Ħabs bil-għan li uffiċjal tas-servizzi korrettivi, li mhux minħabba xi nuqqas tiegħu, jiġi mweġġa' b'mod serju waqt li jkun qed jiżvolġi l-obbligi tiegħu u minħabba dan il-korriment ma jkunx possibbli għalih li jaqdi d-dmirijiet tax-xogħol tiegħu, u jkun ġie ċċertifikat kif meħtieġ mill-Bord dwar il-Korrimenti magħmul minn professjonisti mediċi u professjonisti oħrajn maħtura mill-Ministru responsabbli għall-Ħabs, dak l-uffiċjal jista' jiġi intitolat għall-ħlas pensjonabbli daqslikieku għamel il-25 sena servizz;

Iżda jekk l-uffiċjal tas-servizzi korrettivi, mhux minħabba xi nuqqas tiegħu, imut b'konsegwenza diretta li jkun żvolġa d-dmirijiet tax-xogħol tiegħu, id-dipendenti tiegħu, sakemm ma jkunx prekluż mil-liġi, ikunu intitolati għall-ħlas pensjonabbli;

U billi huwa xieraq li dawn l-emendi jidħlu fis-seħħ skont Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-Avviż Legali numru 169 tal-2016 li jemenda t-tielet, il-ħmistax u s-sittax ir-regolament tar-Regolamenti dwar Pensjonijiet għal min jaħdem il-Ħabs (Leġislazzjoni Sussidjarja 260.04 tal-Liġijiet ta' Malta) jidħol fis-seħħ bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu 12(4) tal-Att dwar il-Ħabs (Kapitolu 260 tal-Liġijiet ta' Malta).

23.05.16